# Kieku Kelli l-Poteri Maġiċi

1. Jiena tifel ta' tmien snin u kieku kelli l-poteri maġiċi nagħmel id-dinja sabiħa u nadifa.
2. Ġewwa l-laboratorju tiegħi jien noħloq xi kimika li taħdem fuq nies ħżiena biex isiru nies tajbin.
3. Inbiddel l-ixkupa maġika f'dgħajsa u nagħmel vjaġġ sabiħ fuq il-baħar.
4. Xħin inkun bejn sema u ilma u nara xi żejt tal-vapuri dan inbiddlu f'baħar nadif.
5. Meta mmur mixja fil-kampanja u nara xi siġra maħruqa nagħmel maġija u nerġa' nagħtiha l-ħajja.
6. Kull meta mmur fil-kampanja u nara xi skart, f'leħħa ta' berqa nbiddel il-laned f'għasafar, il-bottijiet fi friefet u l-karti nbiddilhom f'lellux safrani.
7. Intir ġo pajjiż fqir fejn hemm ħafna ġuħ, nagħmel maġija u l-ġuħ inbiddlu f'ikel.

8. Jekk niltaqa' ma' xi ħalliel jew raġel rgħib inbiddlu f'raġel twajjeb u ħanin.

9. Meta fl-aħbarijiet nara xi gwerra, intir f'dak il-pajjiż u nwaqqaf il-gwerra.

10. Dawk l-affarijiet li jistgħu jkunu ta' periklu bil-maġija nbiddilhom f'affarijiet tajbin għalina.

11. Imma kieku waqa' u kiser siequ għax jien ma nistax nagħmel dawn l-affarijiet għax m'għandix poteri maġiċi!

Zack Fenech – Sena 4.4 – Skola Primarja San Pawl il-Baħar

